Citta Notabile

# Minuti tal-laqgha numru 10 tas-seba Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 6 ta' Dicembru 2103 |
| HIN | 3.00 pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter Sant Manduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Prezenti |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Prezenti |
| Kunsillier | Mary Ann Sultana | MS | Prezenti |
| Seg Ezekuttiv | Paul Spiteri | PS | Prezenti |

10.1.1 Il-Minuti tal-laqgha numru 9 gew approvati kif moqrija wara li ma kienx hemm korrezzjoni.

10.2 Arising Out

10.2.1 Dwar il-kors tal-Computers , kien hemm 5 appplikanti u dawn ser jattendu kors fil-Kunsill tar-Rabat

10.2.2 Kien inghata parir mill-avukat li peress li Warden meta jkun imqabbad minnha waqt tieg dan ma jistax johrog citazzjoni u ghlahekk kien ahjar li nqabbdu Pulizija. Kellha issir laqgha ma l-ispettur tad-distrett fuq dan is-suggett.

10.2.3 Dwar il-laqgha li kellna mad-Direttur ta' DLG il-Kunsill kien qed jikkonferma li jitlob ghad-devoluzzjoni ta' zona maghrufa bhala t-tomba li taghmel parti minn Howard Gardns, sabiex wara jkun jista johrog offerta ghal immanigjar tas-sit.

10.3 Korrispondenza batch 84 u 85

10.3.1 Kellna proposta sabiex naghmlu kors tal-First Aid min grupp ta' Infermiera. Qbilna li dan il-kors isir.

10.3.2 Talba minghand il Vice Squad tal-Pulizija sabiex naghmlu laqgha maghhom. Qbilna li din il-laqgha issir

10.3.3 Ittra minghand il Comune di Sant Ambrogio di Torino sabiex nibdew process ta' gemellagg maghom. Qbilna li din it-talba tigi konsidrata s-sena id-deihla minhabb li din is-sena tiga bdejna il-porccess ma Assisi.

10.3.4 Korrispondenza minghand l-AKL dwar is-sezzjoni Plenarja li kellha issir nhar is-sibt 7 ta' Dicembru ghal kunsillieri kollha.

10.3.5 Talba minghand Max Mifsud sabiex jitlob permess sabiex juza banda waqt tieg li ser jkollu fi pjazza tal-Kunsill. Din it-talba giet michuda.

10.3.6 Talba minghand l-Art Club tal-Mellieha sabiex ghal darba ohra juzaw is-sala tal-Kunsill ghal-ezebizzjoni tal-Arti. Din it-talba giet milqugha pero l-ahhar gimgha ta' Gunju is-sala kellha tkun imbattla minhabb xi attivia ohra li l-Kunsill jista jkollu.

10.3.7 Talba mnghnad Volodymyra Baran sabiex juzaw is-sala tal-Kunsill ghal Malta International Music Competition bejn 17 u 13 ta' Lulju 2014. Kien hemm qbil li nghatu permess b'certi kundizzjonijiet u li tintallab

donazzjoni biex jaghmel tajjeb ghal-ispejjes tad-dawl u tindief.

10.3.8 Korrispondenza minghand Natali Martinelli dwar gbid ta' Film feature fuq l-Imdina. Kellna nitolbu laqgha maghhom sabiex jigu osservati xi kundizzjonijiet bhal li ma jsirx gheluq tat-tarffiku u ma jkunux disturbati r-residenti u stabillimenti kummercjali.

10.3.9 Ittra minghand il-MEPA dwar talba sabiex jinhargu siggijiet u mwejjed fejn il-Playingfield . Qbilna li l-Kunsill joggezzjona ghaliex din iz-zona hija parti mill-playingfield kif ukoll ghaliex iz-zona hija d-dahla tal-Imdina.

10.4 Attivitajiet tal-Milied

10.4.1 Kelnna offerta wahda ghal-Ikla tal-Milied ghar-Residenti u din kienet ta' Da Luigi Restuarant fir-Rabat. Qbilna li nitolbuh irahhas il-prezz. Din l-ikla kellha issir nhar is-Sibt 28 ta' Dicembru.

10.4.2 L-ikla bejn il-Knsilliera u Staff flimkien mal-familjari taghhom kellha issir nhar il-Hadd 5 ta' Jannar fl-Agape Restuarnat , Rabat

10.4.3 Flimkien mal-Arcipriet , il-Kunsill kien qieghed jikkordina purcissjoni bil-Bambin ghal nhar it-tnjen 23ta' Dicembru fit-toroq tal-Imdina

10.5 Gieh l-Imdina

10.5.1 Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Premju Gieh l-Imdina jinghata lil ET Mons Guzeppi Mercieca , Isqof Emeritus , . Dan ghal fatt li huwa bhala cittadin tal-Belt taghna jaghmel gieh bil-hidma fejjieda tieghu .

10.5.2 Bhala premju kien ser jinghata platt tal-hgieg bid-disinn tal-Imdina

10.6 Permessi tal-Vetturi

10.6.1 Saret diskussjoni preliminari dwar il-hrug tal-permessi tal-Vetturi sabiex jidhlu l-Imdina . Qbilna li din id-diskussjoni titkompla f'laqgha apposta tal-Kunsill.

10.6.2 Sadanitant qbilna li tinhareg cirkulari fejn fiha naghmlu appell ghal prudenza fit-talba tal-permessi. Qbilna ukoll li l-permessi tar-residenti u familjari taghhom ikunu ghal sena waqt li l-kumplament jinhargu permessi ghal-sitt xhur li jkunu jistghu jigu mgedda sal-ahhar tas-sena.

10.7 Affarijiet ohra

10.7.1 Kien hemm sospenzjoni tar-regolamenti sabiex gie mistieden Wilson Mifsud il-kuntrattur li jiehu hsieb il-Manutenzzjoni tal-Gonna. Saret diskussjoni fuq iz-zamma ta' Hward Gardens u xi nuqqassijiet li kienu qed jigu osservati. Il-kuntrattur kien mheggeg li jizra aktar fjuri , jiehu hsieb aktar il hedges u jisbor xi sigar f'diversi inhawi tal-Imdina , fost l-ohrajn.

10,7.2 PS infurma lil kunisll li kienet ser issir laqgha ghal Stakeholders tal-progett Helland li kien qed isir mil-Fakulta tat-Turizmu fl-Universita flimkin mal-Kunsill b'fondi Ewropej.

10.7.3 Kellna laqgha ma Profs Puddu mill-Istitut Agrarju ta' Nimes fi Franza dwar proposta sabiex isir embellishment ta' parti mil-gonna ta' Howard minn grupp ta'Studenti ta'l-istess Istittut fi Frar 2014. Il-Kunsill laqgha din il-proposta.

10.7.4 JD informa lil Kunsill li kien hemm parti mit-triq Gharraeqini li kienet cediet minhabba l-ingenji kbar li kienu qed jahdmu fuq ir-restawr tas-Swar, tant li anke ceda hajt. Qbilna li niktbu li Restoration Unit sabiex isir il-manutenzzjoni mehtiega.

Gew approvati il-pagamenti skond l-iskeda numru 10/13

Wara li ma kienx hemm affarijiet ohra l-laqgha giet aggornata fil-5.00pm sine die.

| | |
|---|---|
| Peter Sant Manduca | Paul  Spiteri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |